FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 28 TA' FRAR 2017

Il-Pulizija
(Spet Anne Marie Xuereb)

Vs

Sandro Grima

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 212771(m)akkuzat talli:

1. f'dawn il-Gzejjer, bejn Awissu 2007 u Awissu 2010, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, appropja ruhu billi dawwar bi profitt ghalieh jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' approprja ruhu mill-ammont ta' €368,621 ghad-dannu ta' Megaline (M&E) Limited, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju;
2. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu t'ismijiet foloz, jew ta kwalifici foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' €368,621 ghad-dannu ta' Megaline (M&E) Limited;
3. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta bank privat b' falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il pattijiet dispozizzjonijiet obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
4. l-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, xjentement ghamel uzu minn atta awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falza;
5. sar recidiv aa terminu tal-Artikoli 49 et seq tal-Kodici Kriminali b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 17 ta' Settembru 2009.

Il-Qorti mitluba sabiex tapplika mutatis mutandis d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money laundering, Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex f'kaz ta' htija tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 23B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lill-imputat fl-udjenza tat-24 ta' Jannar ta' din is-sena jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa jippersisti anka wara li l-Qorti tghatu zmien jirrikonsidra;

Ikkonsidrat:

Illi din is-sentenza qeghdha tinghata fuq l-iskorta tal-Artikolu 392 A tal-Kodici Kriminali wara l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat;

Il-fatti li taw lok ghal proceduri huma ben spiegati mill-ufficjal prosekutur li investiga l-kaz u mill-'Managing Director' tas-socjeta' Megaline Limited li maghha l-imputat kien impiegat. M'hemmx dubbju, lilin minn kull ammissjoni, li s-socjeta' soffriet dannu finanzjarju sostanzjali minhabba l-agir irrisponsabli u deplorevoli tal-imputat li pero' jigbor fih il-fattur mitiganti li kien huwa nnifsu li kixef il-misfatti tieghu u rabat lilu innifsu li jirrifondi kull telf li kkawza lis-socjeta' liema obbligu kontrattwali jirrisulta li qieghed jirrispettah. Jemergi mill-provi li l-impieg tal-imputat mas-socjeta' kien ta' 'accountant clerk' b'kontroll tal- finanzi tas-socjeta' li frawdolentement u scientement huwa dawwar bi profit ghalih bil-konsegwenti hsara lis-socjeta'.

M'ghandux ghalhekk ikun hemm dubbju dwar ir-reita' tal-imputat ghar-reati lilu addebitati. Fuq l-iskorta tal-ammissjoni volontarja u irrevocabbli tieghu, l-qorti qeghdha ghalhekk tiddikjarah hati tal-akkuzi kollha riportati kontra tieghu fl-att tal-akkuza.

Rat l-Artikolu 18,293,294,310(1)(a), 308, 310(1)(a),183,184,17(b)(h),49,50 tzl-Kap 9.

Tiddikjarah hati.

Stante l-possizjoni kif immaterjalizzat illum.

Tiddecidi : li taddotta kontra l-imputat l-Artikolu 7 tal-Kap 446 u tpoggih taht ordni ta' probation ghall-perjodu ta' tlett snin mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 24 fl-intier tieghu b'dan li l-imputat jibqa' ihallas lis-socjeta' s-somma mensili patwita bejnithom (skond folio 108).

Il-Qorti spiegat r-responsabiltajiet tal-imputat skond is-sentenza.

A.M.Trigona
Magistrat